# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2016/2381

## tal-14 ta' Diċembru 2016

## li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (EUCAP Sahel Mali/2/2016)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/219/PESK tal-15 ta' April 2014 dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/76 tad-19 ta' Jannar 2015 li tvara l-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali (EUCAP Sahel Mali) u li temenda d-Deċiżjoni 2014/219/PESK ([2]),

Billi:

(1) Bis-saħħa tad-Deċiżjoni 2014/219/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċitar tal-kontroll politiku u tad-direzzjoni strateġika tal-missjoni EUCAP Sahel Mali, inkluża d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.

(2) Fis-26 ta' Mejju 2014, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUCAP Sahel Mali/1/2014 ([3]), biex ħatar lis-Sur Albrecht CONZE bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali mis-26 ta' Mejju 2014 sal-14 ta' Jannar 2015.

(3) Il-mandat tas-Sur Albrecht CONZE bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali ġie estiż kemm-il darba, l-aktar reċentement permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/938 ([4]), li estendiet il-mandat tiegħu bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali sal-14 ta' Jannar 2017.

(4) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Albrecht CONZE bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali mill-15 ta' Jannar 2017 sal-14 ta' Lulju 2017,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Albrecht CONZE bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali huwa b'dan estiż sal-14 ta' Lulju 2017.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

---

([1]) ĠU L 113, 16.4.2014, p. 21.

([2]) ĠU L 13, 20.1.2015, p. 5.

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUCAP Sahel Mali/1/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (ĠU L 164, 3.6.2014, p. 43).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/938 tal-31 ta' Mejju 2016 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali/1/2016) (ĠU L 155, 14.6.2016, p. 23).